# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021.**

**Numru 4**

**Ċitazzjoni numru 2386/98/2 AE**

**Carmelo sive Charles Bartolo f'ismu proprio u bħala mandatarju ta' ħutu imsefrin Agostino sive Winston Bartolo, Salvatore Bartolo u b'digriet tal-11 ta' Ġunju 2021 l-Av Victor Bugeja ul-Prokuratur Legali Melissa Anastasi ġew maħtura kuraturi deputati għan-nom ta' Jody Bartolo, Jason Bartolo u Rebecca Bartolo, ilkoll bħala eredi preżuntivi ta' Carmelo sive Charles Bartolo li miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri u b'digriet tat-28 ta' Ġunju, 2010 il-Qorti ordnat li l-kawża titkompla fil-persuna ta' Joseph Stanley Bartolo, Monica Maria Bartolo u Glorianna Bartolo minflok Salvatore Bartolo li miet fil-mori tal-kawża, u John Bartolo u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2021 l-Av Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia ġew maħtura kuraturi deputati għan-nom ta' Melva Bartolo, Angela Walsh *neé* Bartolo, Maria Loenard *neé* Bartolo, u Josette Bartolo, ilkoll bħala eredi preżuntivi ta' John Bartolo li miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri u fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2000 deher Agostino Bartolo personalment u assuma l-atti**

**v.**

**Paola Bartolo, Maria Bartolo, Doris Cuschieri, Emanuel Bartolo u Joseph Bartolo, ilkoll aħwa Bartolo**

1. Dan huwa appell wara kawża intavolata mill-atturi appellati permezz ta' liema qed jitolbu illi ssir id-diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tal-partijiet Joseph u Angela Bartolo, wara li tiġi llikwidata l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejniethom. L-atturi jsostnu illi l-konvenuti baqgħu inadempjenti wara li ġew interpellati sabiex jaddivjenu għad-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom, u li għalhekk kellha ssir din il-kawża.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-konjugi Joseph u Angela konjugi Bartolo billi tiddikjara li tikkonsisti fis-sustanzi li jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.*
>
> *2. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Joseph Bartolo u l-ohra lill-assi partikolari ta' Angela Bartolo.*
>
> *3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Bartolo billi tiddikjara li jikkonsistu f'nofs l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti u f'dawk is-sostanzi l-ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni.*
>
> *4. Taqsam l-assi ta' Joseph Bartolo f'disa' porzjonijiet ugwali, liema porzjonijiet jigu assenjati lil kull wiehed mill-kontendenti ahwa Bartolo bix-xorti.*
>
> *5. Tillikwida l-assi partikolari ta' Angela Bartolo billi tiddikjara li jikkonsistu f'nofs l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti u f'dawk l-affarijiet li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni.*
>
> *6. Taqsam l-assi partikolari ta' Angela Bartolo f'disa' porzjonijiet ugwali, liema porzjonijiet jigu assenjati lil kull wiehed mill-kontendenti ahwa Bartolo bix-xorti.*
>
> *7. Tinnomina periti ghall-finijiet tal-likwidazzjoni u divizjoni fuq imsemmija.*
>
> *8. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni fil-gurnata u hin u lok li jigi ordnat mill-qorti, u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci."*

3. Il-konvenuti eċċepew illi m'għandhom l-ebda oġġezzjoni li jiġi diviż il-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti, basta jiġi rispettat dak li huma provdew fl-aħħar testament tagħhom.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Settembru, 2014, ġie deċiż hekk:

*"Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-*

*1. Tiddikjara li l-gid tal-wirt jikkonsisti fl-affarijiet li jissemmew hawn fuq.*

*2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien tletin jum mil-lum jiddepozitaw fil-qorti l-oggetti tad-deheb fuq imsemmija u tordna li dawn jinbieghu bl-irkant wara li ssir stima taghhom u f'data u hin li ghad iridu jigu appuntati wara talba ta' xi parti.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti:*

*(a) Paola u Maria Bartolo sabiex ihallsu lil kull wiehed mill-atturi (erbgha b'kollox) s-somma ta' Lm2,551.24 (€5,942.78) kull wiehed, bl-imghax mil-lum, bhala sehemhom mid-dhul mir-raba' tal-Pwales.*

*(b) Tikkundanna lill-konvenut Joseph Bartolo sabiex ihallas lil kull wiehed mill-atturi (erbgha b'kollox) is-somma ta' Lm1,275.62 (€2,971.39), bl-imghax mil-lum, bhala sehemhom mid-dhul mir-raba' tal-Pwales. Tibqa' mpregudikati kull pretensjoni li jista' ghandhom l-atturi ghall-perjodu mis-sena 2000.*

*4. Tikkundanna lill-ahwa Paola u Maria Bartolo sabiex ihallsu lil kull wiehed minn huthom is-somma ta' elf tmien mija u hdax-il ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1,811.74), bl-imghax mil-lum bhala sehemhom mill-flus li kien hemm fid-dar tal-genituri.*

*5. Ghal dak li jikkoncerna l-immissjoni fil-pussess tal-legati, hemm qbil li dan isir. M'hemmx talba ad hoc li titratta dan il-punt. Il-partijiet jistghu facilment ighaddu biex jiehdu hsieb li ssir l-immissjoni fil-pussess gialadarba m'hemmx kontestazzjoni dwar l-istess.*

*6. Jibqghu mpregudikati l-materji li jirrelataw ghal:-*

*(a) Allegat kreditu kontra Nahla Investments Limited u proprjeta li ghandha l-istess kumpannija.*

*(b) Qsim tal-kirja tal-art tal-Pwales u Mizieb, razzett u gherien;*

*(c) Qsim ta' sub-dirett dominju fuq art tax-Xatt jew tal-Hofra, Xemxija, San Pawl il-Bahar.*

*Spejjez jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet fis-sens li kull parti taghmel tajjeb ghal 1/9 mill-ispejjez."*

5. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 3 ta' Ottubru, 2014, u talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tiddeċiedi u tordna li minn fost l-affarijiet li ġew dikjarati mill-Ewwel Qorti li jifformaw il-wirt tal-konjuġi Bartolo jiġu esklużi l-qbiela ta' raba' fil-Pwales u Miżieb, razzett bi qbiela ġewwa l-Pwales limiti ta' San Pawl il-Baħar u nofs indiviż tal-għerien fil-Pwales, limiti ta' San Pawl il-Baħar u tiġi eskluża wkoll is-somma ta' Lm7,000 bħala flus kontanti nklużi fid-deċiżjoni appellata bħala ġid li jrid jinqasam; (ii) tiddeċiedi u tordna li minn fost il-materji li tħallew impreġudikati bid-deċiżjoni appellata jinħareġ 'il barra l-qsim tal-kirja tal-art tal-Pwales u Miżieb, razzett u għerien, (iii) tirrevokaha in kwantu l-konvenuti Joseph Bartolo ġie kkundannat iħallas lil kull wieħed mill-atturi s-somma ta' Lm1,275.62 (€2,971.39) bl-imgħax mid-data tas-sentenza bħala sehemhom mid-dħul tar-raba' tal-Pwales, u in kwantu kkundannat lill-konvenuti Paola u Maria Bartolo sabiex iħallsu lil kull wieħed mill-atturi s-somma ta' €1,811.74 bl-imgħax mid-data tas-sentenza bħala sehemhom mill-flus li kien hemm fid-dar tal-ġenituri, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

6. L-atturi appellati preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fis-27 ta' Ottubru, 2014, flimkien ma' appell inċidentali, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tħassarha u tvarjaha fir-rigward tal-ammonti likwidati u assenjati billi tawmenta dawn l-ammonti u tikkoreġi l-kalkolu tal-imgħax dovut, tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

7. Il-kuraturi Deputati l-Avukat Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fil-25 ta' Ġunju, 2021, permezz ta' liema ddikjaraw li m'humiex edotti mil-fatti u rriservaw li jirrispondu fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ.

8. Il-konvenuti ressqu r-risposta tal-appell tagħhom għall-appell inċidentali fil-31 ta' Mejju, 2021, permezz ta' liema eċċepew preliminarjament in-nullita` tar-risposta tal-appell u l-appell inċidentali ta' Agostino Bartolo u li fi kwalunkwe każ Agostino Bartolo rrinunzja għall-effetti tas-sentenza appellata u għall-appell inċidentali tiegħu, li ħadd għadu m'assuma l-atti għan-nom tal-mejjet Salvatore Bartolo li jgħix fl-Istati Uniti, li għadha ma saritx it-trasfużjoni tal-atti tal-attur John Bartolo, li għadha ma saritx it-trasfużjoni tal-atti tal-attur Carmelo Bartolo u li fi kwalunkwe każ l-eredi tiegħu rrinunzjaw għall-effetti tas-sentenza appellata u l-appell inċidentali.

**Ikkonsidrat;**

**L-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti għar-rispsota u l-appell inċidentali tal-atturi**

9. Il-konvenuti ressqu numru ta' eċċezzjonijiet preliminari fir-rigward tal-appell inċidentali tal-atturi. L-ewwel nett eċċepew illi r-risposta u l-appell inċidentali ta' Agostino Bartolo huma nulli għaliex meta ġew preżentati l-atti dawn ma ġewx intavolati minnu personalment iżda minn ħuh Carmelo Bartolo bħala mandatarju tiegħu, u dan minkejja illi fil-31 ta' Jannar, 2000, kien iddikjara li kien irritorna lura Malta u assuma l-atti tal-kawża personalment. Il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni hija nfondata. Huwa minnu illi ġaladarba Agostino Bartolo kien jinsab Malta meta ġew preżentati r-risposta tal-appell u l-appell inċidentali, huwa kellu jidher fuq l-atti personalment u mhux jiġi rappreżentat minn ħuh. Dan pero` ma jfissirx illi r-risposta u l-appell inċidentali tiegħu huma nulli kif qed isostnu l-konvenuti. Hija ġurisprudenza kostanti illi fejn in-nullita` tal-att ma tkunx tirriżulta espressament mil-liġi, il-Qorti m'għandhiex faċilment tiddikjara l-att null sakemm ma jkunx jirriżulta illi n-nuqqas fuq l-att ma jkunx jista' jiġi korrett mingħajr ma l-parti l-oħra tinkorri preġudizzju rrimedjabbli. F'dan il-każ in-nullita` sollevata mill-konvenuti ma tirriżultax mill-liġi. Huwa evidenti illi n-nuqqas li dwaru jilmentaw seta' faċilment ġie korrett mingħajr preġudizzju għalihom, ikkonsidrat illi ma jagħmel l-ebda

differenza għall-mertu tal-appell jew il-pożizzjoni legali tal-konvenuti u l-fatt li ma sarx ma jwassal għal ebda konsegwenza negattiva. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

10. Il-konvenuti eċċepew ukoll illi r-risposta u l-appell inċidentali ta' Salvatore Bartolo ma jistgħux jiġu kkonsidrati għaliex il-Kuratur Deputat qatt m'assuma l-atti f'isem tal-eredi tal-istess Salvatore Bartolo. Eċċepew ukoll illi r-risposta u l-appell inċidentali ta' John Bartolo ma jistgħux jiġu kkonsidrati għaliex qatt ma saret il-leġitimazzjoni tal-atti mill-eredi, u l-istess jgħodd fir-rigward ta' Carmelo Bartolo. Il-Qorti tosserva illi l-mertu ta' dawn l-eċċezzjonijiet jinsab eżawrit bid-digrieti mogħtija minnha fil-mori tal-kawża, u għaldaqstant sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

11. Finalment il-konvenuti eċċepew illi fi kwalunkwe każ Agostino Bartolo, l-eredi ta' John Bartolo u l-eredi ta' Carmelo Bartolo kollha rrinunzjaw għall-effetti tas-sentenza appellata u għall-appell inċidentali, u preżentaw dokumentazzjoni f'dan is-sens. Din il-Qorti pero` tqis illi d-dokumenti preżentati mill-konvenuti flimkien mar-risposta tagħhom m'humiex biżżejjed sabiex jitqies illi l-imsemmija atturi rrinunzjaw għall-effetti tas-sentenza appellata u għall-appell inċidentali tagħhom. L-ewwel nett, ċessjoni ta' kawża ssir permezz ta' att preżentat quddiem il-Qorti u mhux permezz ta' sempliċi dikjarazzjoni, u l-ebda att ta' dan it-tip ma ġie

preżentat. Inoltre, anke li kieku dikjarazzjoni ffirmata kienet suffiċjenti, fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti li d-dokumenti preżentati mill-konvenuti xorta waħda m'humiex biżżejjed. Id-dikjarazzjonijiet iffirmati li ġew preżentati mill-konvenuti ma sarux bil-ġurament ta' min għamilhom, u lanqas saru quddiem xi nutar jew uffiċjali pubbliku għall-verifika u l-konferma tal-identita` tal-firmatarji. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taċċetta dawn id-dokumenti bħala strument li huwa kapaċi li jneżżа' lill-atturi mid-drittijiet akkwistati minnhom permezz tas-sentenza appellata jew ta' din is-sentenza wara l-appell inċidentali. Għaldaqstant dawn l-eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda.

**L-Ewwel Aggravju**

12. L-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannat lill-konvenuti Paola u Maria Bartolo sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm2,551.40 (€5,942.78) kull wieħed, bl-imgħax mid-data tas-sentenza bħala sehemhom mid-dħul perċepit mir-raba' tal-Pwales u meta kkundannat lil konvenuti Joseph Bartolo sabiex iħallas is-somma ta' Lm1,275.62 (€2,971.39) lil kull wieħed mill-atturi, bl-imgħax mid-data tas-sentenza, għall-istess raġuni. Isostnu li a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju li Carmelo Bartolo kien ta' l-kunsens tiegħu biex l-introjtu mir-raba' tal-Pwales jiġi perċepit miż-żewġ ħutu x-xebbiet, kien jaf li qed isir dan u kien aċċettah, għaliex

dak iż-żmien hu kien jgħix flimkien ma' ħutu x-xebbiet għal snin twal wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom, u kien jaf li kien jiġi utilizzat għal għejxien ta' ħutu li ma kellhom l-ebda introjtu ieħor. Isostni illi l-Ewwel Qorti stess aċċettat illi Joseph Bartolo kellu prokuri mingħand ħutu biex jaġixxi bħala mandatarju tagħhom u għalhekk bħala mandatarju ta' ħutu huwa aġixxa sabiex l-uniċi żewġ ħuthom xebbiet jipperċepixxu l-introjtu mir-raba'. Jargumentaw illi Agostino Bartolo m'huwiex xhud kredibbli, għaliex għalkemm xehed li huwa qatt ma ta' xi mandat lil Joseph Bartolo fis-sentenza appellata ġie rrikonoxxut li l-aħwa kienu taw tali mandat, u jżidu illi fi proċeduri oħra l-istess Agostino Barbara kien xehed illi huwa qatt ma kien talab lil ħutu x-xebbiet sehemu mill-introjtu tar-raba' u li ma kienx jippretendi sehemu.

13. Jargumentaw ukoll illi mhux minnu dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sens illi hemm kontradizzjoni bejn is-sottomissjoni tagħhom dwar min mill-partijiet huwa "kerrej" fis-sens tal-liġi u dak li hemm fin-nota tagħhom tat-12 ta' Diċembru, 2000, għaliex effettivament id-dritt ta' qbiela baqa' jispetta lill-ġenituri tal-partijiet sal-mewt tal-aħħar wieħed fosthom u allura kien jifforma parti mill-assi ereditarji tagħhom. Iżidu illi l-argument huwa fis-sens illi għall-finijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta l-atturi li kienu emigrati barra minn Malta m'humiex intitolati li jirtu l-ebda parti minn dak id-dritt ta' qbiela u lanqas ma huma intitolati għal xi sehem mid-dħul ta' dik ir-raba'. Jargumentaw illi fil-każ li dan l-argument m'huwiex aċċettat,

xorta waħda m'hemm l-ebda ammont dovut lill-atturi għaliex hija applikabbli l-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

14. Fir-rigward ta' Joseph Bartolo jargumentaw illi huwa ma kellux jiġi mħallas is-somma msemmija lill-atturi għaliex dak li pperċepixxa kien dovut lilu minn raba' li hi proprjeta` tiegħu stess u m'għandux x'jaqsam mad-dħul mir-raba' li kien f'idejn il-ġenituri tal-partijiet. Isostnu illi l-Ewwel Qorti għamlet valutazzjoni żbaljata tal-provi meta kkonkludiet illi l-konvenuti ma ġabux prova illi Joseph Bartolo kien xtara din l-art għaliex huwa xehed u ddikjara li kien jirċievi dħul minn raba' ieħor li tiegħu huwa s-sid u l-atturi fl-ebda mument u bl-ebda mod ma kkontestaw dan il-fatt. Iżidu li fi kwalunkwe każ hija applikabbli l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

15. L-appellati jirribattu illi l-kwistjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li Carmelo Bartolo kien ta' l-kunsens tiegħu biex id-dħul mir-raba' jiġi perċepit miż-żewġ ħutu bniet hija kwistjoni ta' kredibilita` u l-konvinċiment morali tal-Ewwel Qorti ma jistax jiġi sostitwit minn din il-Qorti b'konvinċiment morali ieħor kuntrarju jew oppost. Iżidu li l-istess konsiderazzjoni tgħodd għall-argument tal-appellanti dwar il-kredibilita` o meno ta' Agostino Bartolo, u li inoltre l-Ewwel Qorti kellha provi oħra apparti x-xhieda tal-imsemmi Agostino Bartolo u kien a bażi ta' dawn il-provi kollha li setgħat tasal għall-konklużjoni li dan ix-xhud kien qiegħed

jgħid il-verita`. B'referenza għall-argument tal-appellanti dwar id-definizzjoni ta' kerrej ai termini tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellati jsostnu illi fil-kunċett ta' "kerrej" huwa nkluż kull min jikkwalifika bħala "werriet tal-kerrej" u għalhekk Salvatore u John ukoll kellhom sehem minn din il-qbiela. Dwar dik il-parti tal-aggravju tal-appellanti li tittratta l-kundanna għall-ħlas ta' Joseph Bartolo l-appellati jargumentaw illi l-appellanti ma jistgħux jippretendu illi l-Qorti temmen il-verżjoni mhux korroborata ta' Joseph Bartolo meta ma ressqu l-ebda provi konkludenti bħal kuntratt ta' titolu dwar l-allegat raba' l-ieħor. Fir-rigward tal-argumenti magħmula mill-appellanti dwar il-preskrizzjoni, l-appellati jirribattu illi l-preskrizzjoni qatt ma ġiet formalment sollevata fl-ewwel istanza bħala eċċezzjoni u anzi l-konvenuti kienu eċċepew illi huma jaqblu li ssir id-diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tal-partijiet.

16. Fl-appell inċidentali tagħhom l-atturi jilmentaw dwar il-*quantum* tal-ammonti likwidati mill-Ewwel Qorti. Jargumentaw illi skont ix-xhieda mogħtija minn Paola Bartolo fis-26 ta' Ġunju, 2001, fil-kawża 1948/00 jirriżulta illi bejn is-sena 1984 u s-sena 2014 Maria u Paola Bartolo pperċepew is-somma ta' Lm500 fis-sena li fuq medda ta' tletin sena tammonta għal kważi €35,000. Isostnu illi għalhekk l-ammont li kellu jiġi diviż fir-rigward tad-dħul tar-raba' tal-familja Bartolo kellu jkun ta' €34,940, li diviż bejn erba' persuni jwassal għal €8,735 kull wieħed, oltre l-imgħax li akkumula minn sena għal sena u baqa' jakkumula sal-lum. Iżidu illi

kemm-il darba l-ħlas kien ta' Lm1,000 kif ammetta Joseph Bartolo stess, l-ammont li jrid jitħallas huwa doppju, għaliex kull sehem ikun ta' €17,500.

17. Il-konvenuti jirribattu illi l-atturi ma jistgħux jippretendu illi jittieħed in konsiderazzjoni d-dħul mir-raba' wara l-2014 għaliex l-azzjoni u t-talbiet tagħhom ġew kristalizzati fil-mument li fih ġiet istitwita l-kawża. Dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti illi ma kienx hemm provi dokumentarji li Joseph Bartolo kellu parti mir-raba' li kienet proprjeta` tiegħu jgħidu li din il-konklużjoni hija żbaljata għaliex il-kuntratt relattiv kien ġie preżentat quddiem l-Ewwel Qorti u jinsab a *fol.* 228 *et seq.*, b'deskrizzjoni tas-sehem akkwistat minn Joseph Bartolo a *fol.* 232.

18. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Qbiela ta' raba' fil-Pwales u Mizieb, razzett bi qbiela gewwa l-Pwales, limiti San Pawl il-Bahar u nofs indiviz tal-gherien fil-Pwales, limiti San Pawl il-Bahar –*
>
> *Jidher li r-raba' hi registrata f'isem Paola u Maria Bartolo bhala inkwilini. M'hemmx qbil dwar kif sar dan. Joseph Bartolo qal li dan sar wara l-mewt ta' missierhom bi qbil mal-ahwa. Carmelo Bartolo jikkontesta tali fatt. Fil-kors tal-gbir tal-provi:*
>
> *(a) ma giex identifikat fejn ezatt qeghda din ir-raba' u l-gherien;*
>
> *(b) irrizulta li m'hemmx qbil dwar id-daqs tar-raba'. Filwaqt li l-atturi jsemmu 30 tomna, il-konvenut Joseph Bartolo semma xi 20 tomna (ara deposizzjoni fir-rikors 1948/2000 [fol. 193 et seq]);*
>
> *(c) ma rrizultax il-qbiela li tithallas;*
>
> *(d) Joseph Bartolo xehed fir-rikors 1948/2000 li kien xtara parti minn din ir-raba'. Provi dokumentarji ma ngiebux.*

*F'nota li l-konvenuti pprezentaw fit-12 ta' Dicembru 2000 (fol. 48), iddikjaraw:*

> *"4. Tezisti l-qbiela imsemmija bhala item 4 u r-razzett imsemmi bhala Item 5 ta' l-Immobbli. Il-kejl ta' cirka 30 tomna pero' ghandu jgi vverifikat".*

*Nota li giet prezentata bi twegiba ghal dik li pprezentaw l-atturi fis-26 ta' Mejju 2000 (fol. 43) dwar il-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Joseph u Angela konjugi Bartolo. F'dik in-nota l-atturi nkludew fil-lista ta' immobbli: "4. Qbiela ta' raba' fil-Pwales u fil-Mizieb ta' cirka 30 tomna".*

*Imbaghad f'nota li l-konvenuti pprezentaw fl-4 ta' Jannar 2011 (fol. 325) qalu:*

> *"A rigward il-qbiela ta' raba' fil-Pwales u fil-Mizieb, jinghad illi fil-prezent it-titolu ta' qbiela jispetta esklussivament lill-konvenuti Paola u Maria Bartolo; ittrasferiment f'isimhom sar bil-kunsens tal-partijiet kontendenti l-ohra kollha. Inoltre, il-kejl ta' tletin (30) tomna dikjarat mill-atturi ma huwiex preciz.*
>
> *F'kull kaz, u bla pregudizzju ghal premess, dawk fost il-partijiet kontendenti li huma msefrin, qatt ma setghu kienu intitolati ghal xi titolu ta' qbiela".*

*M'hemmx prova li fil-mori tal-kawza l-atturi kienu taw il-kunsens taghhom sabiex il-kirja ddur favur Paola u Maria. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ilkonvenuti semmew li l-konvenuti m'ghandhomx drittijiet fuq il-kirja, u nvokaw id-definizzjoni ta' inkwilin li hemm fil-Kap. 199. Dan jikkontradici ma' dak li qalu fin-nota ta' 12 ta' Dicembru 2000 (fol. 48). Gialadarba f'dik in-nota l-atturi hadu posizzjoni, dikjarazzjonijiet li saru wara u li huma kontradittorji ser jigu skartati. Rilevanti wkoll li fil-kawza 1948/2000 il-konvenut Joseph Bartolo pprezenta man-nota ta' l-eccezzjonijiet (15 ta' Jannar 2001 a fol. 264) rendikont li qal li jirrelata ghad-dhul mill-amministrazzjoni tal-gid tal-genituri (fol. 264-275). Ir-rendikont jinkludi dhul dwar il-Pwales, li l-qorti tifhem li qeghda tirreferi ghar-raba' in kwistjoni. Tant hu hekk li fiha jissemma d-dhul ta' certu Frans, li Joseph Bartolo qal li kien il-bidwi li mieghu missieru ghamel ftehim (ara desposizzjoni tat-3 ta' April 2001 fil-kawza 1948/00 a fol. 193). Mela hu evidenti li wkoll f'dak iz-zmien il-konvenut Joseph Bartolo kien qieghed iqies li l-kirja tar-raba' kellhom dritt fuqha l-werrieta kollha tal-genituri.*

*Il-konvenuti qalu li kien hemm qbil bejn l-ahwa li d-dhul minn ftehim li ghamel missierhom ma' bidwi jittiehed minn huthom Paola u Maria peress li kienu xebbiet. L-atturi ma jaqblux. Dwar dan l-aspett hemm provi konfliggenti. Gialadarba hadd mill-atturi ma ddikjara li ta xi kunsens f'dan is-sens allura l-ahwa Paola u Maria Bartolo jridu jhallsuhom sehem minn dak li rcevew minn meta miet missierhom. M'huwiex bizzejjed li l-konvenuti qalu li kien sar dak il-ftehim. Hu veru li*

*qabel il-kawza 1948/20001 ma gewx proposti proceduri gudizzjarji sabiex l-atturi jircievu sehemhom minn dan id-dhul li kien ilu jsehh mis-sena 1984, pero' l-qorti ma tqiesx li din hi prova bizzejjed b'sahhitha biex twassalha tikkonkludi li kien hemm qbil tal-werrieta kollha li d-dhul jiehduh Paola u Maria Bartolo. Jekk kien hemm tali ftehim, x'inhi r-raguni li fir-rendikont li pprezenta Joseph Bartolo fil-kawza 1948/2000 jissemma li parti mid-dhul mill-art tal-Pwales kien ghal 'Joe' (li l-qorti tifhem li hu l-konvenut Joseph Bartolo) ? Domanda li fl-atti m'hemmx twegiba ghaliha. Dan apparti li Paola Bartolo, xehedet fil-kawza 1948/2000 f'seduta tas-26 ta' Gunju 2001 (fol. 209), ma ghamlet l-ebda riferenza ghal xi ftehim li suppost sar ma' hutha biex hi u ohtha jzommu l-qliegh biex ikollhom biex ighixu. F'dan l-istat ta' incertezza l-qorti ma tistax tikkonkludi li l-verzjoni li ta Joseph Bartolo hi l-verita'.*

*Paola Bartolo qalet li kull sena jircievu cirka Lm500 (fol. 210). Il-missier miet fis-27 ta' Gunju 1984. Dikjarazzjoni li hi ghal kollox kontradetta mit-taghrif li ta l-konvenut Joseph Bartolo fil-kawza 1948/2000 (fol. 268-275) li hu evidenti li jiehu hsieb l-affarijiet ta' hutu l-bniet. Minn dak it-taghrif jirrizulta li bhala dhul li hadu Paola u Maria Bartolo bejn 1985 u 1999 hu ta' Lm22,961.11. Minn dan id-dhul l-atturi ghandhom jircievu Lm2,551.24 (€5,942.78) kull wiehed. Hemm ukoll dhul li Joseph Bartolo jidher li ha hu, ghallinqas kif dikjarat fir-rendikont. Ghall-istess perjodu jirrizulta li ha Lm11,480.56 (€26,742.51) cjoe' hi dovuta s-somma ta' Lm1,275.62 (€2,971.39) ghal kull wiehed mill-atturi (erbgha b'kollox).*

*Hemm hmistax-il sena ohra li m'huwiex maghruf x'kien id-dhul. Jibqa' mpregudikat id-dritt tal-atturi ghas-snin ta' wara. L-imghax ikun dovut mil-lum peress li s-somma qeghda tigi likwidata permezz ta' din is-sentenza. Fir-rigward tal-konvenuti l-ohra m'hijex ser tigi likwidata somma peress li hu evidenti li Joseph, Emanuel u Doris m'humiex jippretendu sehemhom missomma li kienu qeghdin jircievu huthom Paola u Maria.*

*B'riferenza ghar-ragunament li ghamlu l-atturi fir-rigward ta' dhul iehor li jsir minn gbejniet li t-terz jimmanifattura min-naghag li jrabbi fir-razzett, m'hemmx prova ta' dan. Ghalhekk dawn huma biss kongetturi.*

*Dwar ir-raba' u r-razzett ma nghatax taghrif ezatt dwar il-konsistenza taghhom. Il-qorti ser tordna li l-qbiela tibqa' komuni bejn il-kontendenti iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li jidher li l-ftehim li missierhom kien ghamel mat-terz (Caruana) jidher li ghadu fis-sehh.*

*M'hemmx taghrif dwar l-gherien bhal min qieghed juzahom u x'kera qeghda tithallas."*

## ***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

19. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti illi l-pretensjoni tal-atturi relattiva għad-dħul mill-qbiela tar-raba' hija preskritta il-Qorti tirrileva illi kif sewwa argumentat mill-appellati l-appellanti qatt ma ssollevaw eċċezzjoni ta' preskrizzjoni b'mod formali. Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnhom quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta illi filfatt lanqas biss kienu qajmu dan l-argument quddiem l-Ewwel Qorti. Għalkemm huwa minnu illi l-preskrizzjoni hija sollevabbli fi kwalunwke stadju tal-proċeduri jibqa' l-fatt illi f'dan il-każ l-appellanti qatt ma ssollevaw il-preskrizzjoni li għaliha jagħmlu referenza f'dan l-appell bħala eċċezzjoni formali. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi dan l-argument huwa insostenibbli.

20. Fir-rigward tal-kundanna għall-ħlas ta' Paola u Maria aħwa Bartolo l-appellanti jargumentaw illi ma jista' jkun hemm l-ebda ammont dovut mill-atturi għaliex ħadd mill-atturi appellati ma jikkwalifika bħala "kerrej" skont id-definizzjoni ta' dan it-terminu provduta fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

21. L-Ewwel Qorti kkonsidrat illi dan l-argument għandu jiġi skartat għaliex il-konvenuti appellanti għamlu dikjarazzjoni li tikkontradiċi dan l-argument f'nota li tinsab a *fol.* 48 tal-proċess. Jirriżulta illi din in-nota saret in risposta għan-nota preżentata mill-atturi a *fol.* 44 b'rendikont tal-assi tal-mejtin Angela u Joseph konjuġi Bartolo. Fin-nota preżentata mill-atturi

ġiet indikat it-titolu ta' qbiela fuq ir-raba' fil-Pwales u fil-Miżieb u t-titolu ta' qbiela fuq razzett fil-Pwales bħala wieħed mill-assi tal-ġenituri tal-kontendenti, u fin-nota tagħhom il-konvenuti indikaw illi din il-qbiela effettivament teżisti. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti illi d-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenuti fin-nota imsemmija iġġib fix-xejn l-argument tagħhom ibbażat fuq id-definizzjoni ta' kerrej skont il-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Kull ma jidher illi għamlu l-konvenuti f'din in-nota huwa li qablu li wieħed mill-assi tal-ġenituri tagħhom kien dan it-titolu ta' qbiela fuq ir-raba' fil-Pwales, fil-Miżieb u l-qbiela tar-razzett fil-Pwales. Il-kwistjoni mbagħad dwar min wiret dan it-titolu ta' qbiela hija kwistjoni legali esklussivament regolata mill-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta skont il-gradwatorja preferenzjali stabbilita` fl-istess liġi. L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi t-terminu "kerrej" hekk:

> *""kerrej" tinkludi kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament għal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma għandha titqies f'dik ir-relazzjoni bħala li jkollha l-istess tifsir bħal kerrej fl-estensjoni sħiħa tiegħu;"*

22. Fil-każ in kwistjoni ma jirriżultax illi kien hemm membru tal-familja li huwa ċessjonarju tal-qbiela in kwistjoni, u għaldaqstant sabiex jiġi stabbilit min wiret it-titolu ta' qbiela in kwistjoni jeħtieġ li ssir referenza għall-ordni ta' preferenza stabbilit fl-artikolu appena ċitat. Ma jirriżultax illi xi ħadd mill-partijiet ġie mħolli dan it-titolu bħala legat. Fit-tieni ordni ta'

preferenza hemm imbagħad dawk il-membri tal-familja li kienu jgħixu mal-kerrej jew jaħdmu r-raba' miegħu jew għalih matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, filwaqt illi fl-aħħar ordni ta' preferenza huma l-eredi tal-kerrej.

23. Jirriżulta illi fl-aħħar sena qabel il-mewt ta' missier il-partijiet kienu jgħixu miegħu il-konvenuti Paola u Maria Bartolo u l-konvenut Joseph Bartolo (*fol.* 210). Jirriżulta illi dak iż-żmien kien jgħix ukoll fl-istess dar l-attur Carmelo Bartolo (*fol.* 214). Huwa minnu kif jargumentaw l-atturi illi l-eredi jistgħu jikkwalifikaw bħala kerrejja skont il-liġi wara l-mewt tal-kerrej. Pero` dan huwa l-każ biss fejn ma jkunx hemm membri oħra tal-familja illi jiġu qabel fl-ordni ta' preferenza stabbilit fil-liġi. F'dan il-każ, peress illi Paola, Maria, Joseph u Carmelo Bartolo kienu jgħixu mal-kerrej matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tiegħu huma biss dawn l-erba' persuni li jikkwalifikaw bħala kerrejja wara l-mewt ta' missier il-partijiet. Għaldaqstant, it-titolu ta' qbiela fuq ir-raba' tal-Pwales u l-Miżieb u fuq ir-razzett tal-Pwales skont il-liġi intirtu biss minn Carmelo Bartolo, Joseph Bartolo, Maria Bartolo u Paola Bartolo. Minn dan isegwi illi dawn it-titoli ta' qbiela għandhom jibqgħu komuni biss bejn l-imsemmija Carmelo, Joseph, Maria u Paola Bartolo, u mhux bejn il-kontendenti kollha. Barra minn hekk l-introjtu mill-qbiela għandu jinqasam biss bejn dawn l-erbat aħwa u mhux il-kontendenti kollha. Għaldaqstant din il-parti tal-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti qiegħda tiġi milqugħa. Il-Qorti taqbel

mal-Ewwel Qorti pero` illi kkonsidrat in-nuqqas ta' provi dwar l-għerien fil-Pwales, dawn l-għerien għandhom jibqgħu komuni bejn il-partijiet kollha.

24. It-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti tittratta l-ammont illi Joseph Bartolo ġie ordnat iħallas lill-atturi. Dan l-aggravju huwa evidentement infondat. Huwa minnu illi l-konvenuti kienu filfatt preżentaw kuntratt ta' akkwist li juri illi Joseph Bartolo huwa proprjetarju ta' tlett porzjonijiet ta' art fil-Pwales, limiti ta' San Pawl il-Baħar (*fol.* 232 – 233). Pero` fil-fehma tal-Qorti dawn id-dokumenti m'humiex biżżejjed sabiex jissostanzja dan l-aggravju tal-konvenuti. Dan għaliex ma hemm l-ebda prova illi xi parti mid-dħul mill-qbiela li ġie kkonsidrat mill-Ewwel Qorti ġie derivat minn din l-art. Dan b'mod partikolari kkonsidrat illi mid-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti jirriżulta illi skont il-konteġġi magħmula dwar l-introjtu mill-qbiela komuni Joseph Bartolo kien qiegħed jirċievi sehem mid-dħul ta' din ir-raba'. Għalhekk huwa insostenibbli l-argument tiegħu illi d-dħul tiegħu kien ġej minn raba' li kienet proprjeta` tiegħu, speċjalment ikkonsidrat illi minn din id-dokumentazzjoni jirriżulta illi l-dħul rimanenti wara li jitħallas il-bidwi li kien jaħdem ir-raba' kien jiġi maqsum fi kwoti ugwali bejn Joseph Bartolo, Maria Bartolo u Paola Bartolo.

25. Fl-appell inċidentali tagħhom l-atturi jargumentaw illi s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti kellha tkopri perjodu ta' żmien itwal, u ċioe` sa

meta ngħatat is-sentenza appellata. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti id-dħul għas-snin wara l-1999 m'huwiex magħruf. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta llikwidat l-ammont dovut sal-1999 filwaqt illi ħallet impreġudikat id-dritt tal-atturi, ossia Carmelo Bartolo b'effett ta' din is-sentenza, għas-sehem spettanti lilu mis-sena 2000 'il quddiem. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

26. Peress illi ġiet milqugħa l-ewwel parti tal-aggravju tal-konvenuti dwar min jikkwalifika bħala kerrej, jeħtieġ illi jerġa' jsir kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas minn Paola u Maria Bartolo u minn Joseph Bartolo. Dan sabiex jirrifletti l-fatt illi l-introjtu mill-qbiela għandu jinqasam biss bejn Paola, Maria, Joseph u Carmelo Bartolo u mhux bejn l-aħwa kollha kif konkluż mill-Ewwel Qorti. Mid-dokumentazzjoni prodotta quddiemha, l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi d-dħul mill-qbiela pperċepit minn Paola u Maria Bartolo kien fl-ammont ta' Lm22,961.11 u d-dħul perċepit minn Joseph Bartolo kien fl-ammont ta' Lm11,480.56. Ħadd mill-atturi ma jidher illi qiegħed jikkontesta il-veraċita` jew l-attendibilita` ta' din id-dokumentazzjoni. Għalhekk, Paola u Maria Bartolo għandhom iħallsu lil Carmelo Bartolo s-somma ta' €13,569.73 (Lm5,740.28) filwaqt illi Joseph Bartolo għandu jħallas lil Carmelo Bartolo s-somma ta' €6,785.20 (Lm2,870.14). Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi l-imgħax għandu jibqa' dekoribbli mid-data tas-sentenza appellata.

**It-Tieni Aggravju**

27. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannat lil Paola u Maria Bartolo sabiex iħallsu lil kull wieħed mill-atturi s-somma ta' €1,811.74 bl-imgħax mid-data tas-sentenza bħala sehemhom mill-flus li kien hemm fid-dar tal-ġenituri tal-partijiet. L-appellanti jargumentaw illi huwa għal kollox gratuwitu r-raġunament tal-Ewwel Qorti li huwa diffiċli temmen li meta kien għadu ħaj missier il-partijiet kienet intefqet is-somma ta' Lm7,000 biex inbniet kċina u kamra tal-banju u sar tibjid. Isostnu li bħala fatt dawn il-flus intefqu meta missierhom kien għadu ħaj u għalhekk dan ifisser illi nofs din is-somma kienet tappartjeni lil missierhom bħala sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti ma' martu premorta. Iżidu li f'kull każ din il-pretensjoni hija wkoll preskritta għall-finijiet tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

28. L-appellati jirribattu illi Paola Bartolo kienet xehdet fil-kawża bin-numru 1948/00 illi wara l-mewt ta' missierha kienu sabu somma ta' flus li wżawha biex jirranġaw id-dar fejn kienu jgħixu u għalhekk dan għamluh mingħajr il-kunsens tal-bqijia tal-eredi aħwa Bartolo. Fl-istess kawża Maria Bartolo kienet ikkonfermat li kien hemm madwar Lm7,000 fi flus kontanti d-dar iżda xehdet li dawn il-flus kienu intnefqu waqt li missierhom kien ħaj u li x-xogħlijiet kienu bdew waqt li missierhom kien għadu ħaj u

anke matul iż-żmien meta Charles Bartolo kien jgħix magħhom, iżda l-istess Charles Bartolo ma semmiex fix-xhieda tiegħu li kien hemm xi xogħlijiet għaddejjin dak iż-żmien. Iżidu illi inoltre fit-testment id-dar tħalliet lil Joseph Bartolo biss u għalhekk qatt ma kellhom jintużaw flus mill-eredita` sabiex isiru xogħlijiet f'din id-dar.

29. L-appellati jsostnu illi dan l-appell huwa biss immirat biex il-vertenza tkompli titwal u minħabba l-eta` avvanzata tal-kontendenti l-atturi ser jiġu impeduti milli jibbenefikaw mill-qasma tal-wirt qabel mewthom. Skont l-appellati għalhekk dan l-appell għandu jiġi ritenut bħala merament frivolu u vessatorju u l-appellanti għandhom jiġu ordnati jħallsu spejjeż doppji.

30. Fl-appell inċidentali tagħhom l-atturi jargumentaw illi bit-trapass taż-żmien is-somma ta' Lm7,000 akkumulat l-imgħaxijiet. Isostnu illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordna li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza iżda mid-data tal-mewt tas-superstiti fost il-ġenituri tal-kontendenti, u ċioe` mill-1984 u dan billi l-atti ġudizzjarji interrompew il-preskrizzjoni u servew biex jiġġeneraw l-imgħaxijiet fuq din is-somma.

31. Il-konvenuti jirribattu illi din il-pretensjoni hija ġuridikament żbaljata u għalhekk insostenibbli u dan a bażi tal-prinċipju *in illiquidis non fit mora.*

32. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> *"Flus kontanti fid-dar – L-atturi qalu li hemm is-somma ta' cirka Lm7,000. F'dan ir-rigward ghamlu riferenza ghal dak li xehedu Paola Bartolo u Maria Bartolo fil-kawza Charles Bartolo proprio et nomine vs Joseph Bartolo (1948/2000JRM):*
>
> *Paola Bartolo qalet – "Qed nigi mistoqsija nghid x'tip ta' xogholijiet ghamilt id-dar biex irrangajtha ftit, nghid illi ghamilna kamra tal-banju gdida, tejjibna jigifieri fuq dik li kien hemm hekk, ghamilna xi tibjid, biddilna l-ghamara tal-kcina u ghamilna kcina gdida. Dana bejn wiehed u iehor bhala flus kien hemm xi sebat elef lira (Lm7,000) meta gie nieqes missieri" (fol. 250).*
>
> *Maria Bartolo qalet – "Jien nghid li dwar flus id-dar kien hemm xi sebat elef lira (Lm7,000) u bil-kunsens ta' missieri bdejna naghmlu xi bdil fid-dar. Sakemm gie nieqes missieri bdejna nghamlu xi bdil fid-dar. Sakemm gie nieqes missieri x-xogholijiet kollha li kellhom isiru kienu lesti kollha. Fiz-zmien li kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet hija Charlie kien qieghed ighix maghna, infatti pjuttost konna tellajna kamra ghaliha minhabba li ma kellnix kumditajiet bizzejjed" (fol. 214).*
>
> *Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti jidher li jaccettaw li kien hemm is-somma ta' Lm7,000 u li ntuzat sabiex saru xogholijiet fid-dar. Il-qorti fehemet li dan huwa l-fond numru 548, Main Street, San Pawl il-Bahar li thalla bi prelegat lil Joseph Bartolo.*
>
> *L-atturi ma taw l-ebda rendikont dettaljat tax-xogholijiet li suppost saru. Taraha wkoll difficli temmen li meta kien ghadu haj il-missier intefqet somma hekk gholja biex inbidlet kcina u kamra tal-banju u sar tibjid. Ghalhekk is-somma ta' Lm7,000 ser tigi nkluza fil-gid li jrid jinqasam."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

33. Wara li rat l-atti kollha tal-każ il-Qorti tqis illi dan l-aggravju tal-konvenuti huwa infondat. Għalkemm m'huwiex kontestat illi fid-dar tal-ġenituri tal-partijiet kien hemm is-somma ta' Lm7,000 fi flus kontanti, il-konvenuti taw xhieda kunfliġġenti dwar eżattament kif u meta ntużaw

dawn il-flus. Hekk per eżempju, filwaqt li Maria Bartolo xehdet illi parti mix-xogħlijiet kienu jikkonsistu fil-bini ta' kamra għal Carmelo Bartolo sabiex ikollu kumdita` meta mar jgħix magħhom xi snin qabel ma miet missierhom, Paola Bartolo xehdet illi bil-flus imsemmija kienu bidlu kamra tal-banju, għamlu kċina ġdida u għamlu xi tibjid. Inoltre, huwa relevanti l-fatt illi ħadd iktar mill-partijiet ma xehed illi saru xi xogħlijiet fid-dar waqt li missierhom kien għadu ħaj. Maria Dolores Cuschieri xehdet illi meta ġew neqsin iż-żewg ġenituri tal-partijiet hija kienet midħla sew tad-dar (*fol.* 206), iżda ma semmiet xejn dwar xogħlijiet li allegatament kienu saru qabel miet missierhom. Il-Qorti tosserva illi Paola Bartolo *ex admissis* xehdet illi dawn il-flus kienu intużaw minnha u minn oħtha wara l-mewt ta' missier il-partijiet u dan mingħajr ma kkonsultaw lil ħuthom, u li l-flus kienu instabu fid-dar *"…meta miet l-aħħar wieħed fost il-ġenituri tagħna" u kienu "…intużaw biex isiru x-xogħolijiet fid-dar wara li miet missieri…"*(*fol.* 211). Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija raġonevoli u m'hemmx lok illi tiġi riformata.

34. Dwar l-aggravju tal-atturi relattiv għall-imgħax li għandu jiddekorri fuq is-somma ta' Lm7,000, il-Qorti tqis illi huwa legalment żbaljat l-argument tal-atturi illi l-atti ġudizzjarji servew sabiex jiġġeneraw imgħaxijiet fuq din is-somma. Sabiex l-imgħax seta' beda jiddekorra min-notifika tal-atti ġudizzjarji, is-somma li fuqha beda jiddekorri kellha tkun waħda determinata. Fil-każ in kwistjoni l-atturi qatt ma għamlu talba għall-

ħlas ta' xi somma determinata, u għaldaqstant huwa applikabbli l-prinċipju *in liquidandis non fit mora.* Minn dan isegwi illi dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa u għaldaqstant qiegħed jiġi miċħud.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti għar-risposta tal-appell u l-appell inċidentali tal-atturi;

ii. tilqa' in parti l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti u tirriforma s-sentenza appellata billi:

a. tirriforma d-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-qsim tal-kirja tal-art tal-Pwales u Miżieb u r-razzett tal-Pwales tibqa' impreġudikata billi tiddikjara illi l-kerrejja ta' dawn il-qbiela huma biss Carmelo Bartolo, Joseph Bartolo, Maria Bartolo u Paola Bartolo, u tħalli impreġudikata l-qasma bejn il-kontendenti msemmija ta' dawn il-kirjiet;

b. tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata permezz ta' liema Paola u Maria Bartolo ġew ikkundannati jħallsu lil kull wieħed mill-atturi s-somma ta' €5,942.78 u Joseph Bartolo ġie kkundannat iħallas lil kull

wieħed mill-atturi s-somma ta' €2,971.39, u minflok tikkundanna lil Paola Bartolo u Maria Bartolo sabiex iħallsu lil Carmelo Bartolo s-somma ta' tlettax -il elf, ħames mija u disgħa u sittin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€13,569.73) u tikkundanna lil Joseph Bartolo sabiex iħallas lill-attur Carmelo Bartolo is-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsa u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€6,785.20) bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv;

iii. tiċħad il-bqija tal-appell tal-konvenuti, tiċħad l-appell inċidentali tal-atturi u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-appell inċidentali jitħallsu esklussivament mill-atturi, filwaqt illi l-ispejjeż tal-appell prinċipali u tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti jitħallsu in kwantu għal 75% mill-konvenuti u in kwantu għal 25% mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da